

# L-Istatwa ta' San Nikola tagħlaq 275 sena

*Nicholas Bezzina*

***'Merħb', għażiż Nikola tagħna,***
***F'dan ir-raħal tant għal qalbek***
***Li fis-saram, fit-tbatija***
***Baqa' sħiħ għax emmen f'talbek.'***

Hekk nistħajjel li lkoll ferħana s-Siġġiwin, fl-1736, laqgħu f'raħalhom l-istatwa tant sabiħa tal-qaddis patrun tagħhom San Nikola. Statwa ġdida fjamanta li għaliha tqabbad l-iskultur Pietru Felici.

**Min kien Pietru Felici?**




Felici tana statwa tipikament barokka tassew sabiħa. Imma żgur li ftit minnkom il-qarrejja tafu min kien dan l-iskultur.

Pietru Felici kien Qormi, bħalma kienu wkoll missieru Wistin u ommu Grazzja Mallia. Dawn iżżewġu fl-1666 fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ u kellhom ħames ulied: Generosa, Duminku, Pietru, Antonio u Vitale. Ta' 29 sena omm Pietru mietet u fl-1675 missieru reġa' żżewweġ lil ċerta Alonziga Galea mill-Mosta.

Jidher li bejn l-1675 u l-1684 il-familja Felici telqet minn Ħal Qormi u marret tgħix l-Isla. Hawnhekk Pietru qatta' żgħożitu u forsi kien proprju hawn, ġewwa l-Isla, li Pietru tgħallem l-arti tal-iskultura. F'dan il-lokal kien jgħix u jaħdem Anton Zahra, skultur prim fil-ġebla. Għandu mnejn li kien minn taħt idejh li Pietru tgħallem l-iskultura, għalkemm xejn ma nafu b'ċertezza.

Mit-testment li ħalla nafu li Pietru Felici kellu tlett itfal: Wistin, li kellu diżabilità mentali; Ġużeppi, li milli jidher kien tajjar difru mal-Ġustizzja minħabba xi offiża li kien għamel; u Anna Maria, tifla li x'aktarx li kienet għadha żgħira fl-età meta miet missierha Pietru. Fit-testment ma tissemmiex martu (forsi għax kienet mietet) u lanqas nafu x'kien jisimha. Dan l-istess testment jagħtina x'nifhmu li Pietru miet fil-faqar. Kulma ħalla lil uliedu kienu l-għodda li kellu u xi xogħlijiet ta' skultura li fuqhom kien iffissa prezz biex jinbiegħu u b'hekk uliedu jdaħħlu xi ħaġa tal-flus. Huwa ħalla f'idejn Dun Ġammarì Vella u Dun Diegu Farrugia biex jesegwixxu x-xewqat tiegħu, b'mod speċjali li jieħdu ħsieb ibnu Wistin u bintu Anna Maria peress li, milli jidher, ma kellhomx qraba li setgħu jieħdu ħsiebhom. Pietru miet fis-27 ta' Frar 1743 meta kellu 73 sena. Huwa kien residenti fil-Belt Valletta.

**Xogħlijiet ta' skultura**

Bħalma ftit nafu dwar ħajtu, hekk ukoll ftit għandna tagħrif dwar ħidmietu. S'issa ġew identifikati tliet xogħlijiet - forsi erbgħa – li huma frott l-idejn ta' dan l-iskultur Qormi. Tnejn



minnhom jinsabu fir-raħal tagħna s-Siġġiewi. Dawn huma l-istatwa tal-ġebel ta' San Nikola li tiddomina f'nofs il-pjazza tagħna u l-vara titulari tal-istess qaddis li tinsab fil-knisja parrokkjali.

Skont dokument fil-Kurja tal-Arċisqof fil-Furjana, l-istatwa ta' San Nikola tal-pjazza saret fis-sena 1732 minn *'Maestro Pietro'* li tħallas 70 skut għal xogħlu. Kollox jindika li dan ma kien ħadd ħlief Pietru Felici peress li l-ismijiet huma l-istess u, barra minn hekk, ma jidhirx li dak iż-żmien kien hemm xi skultur ieħor b'dan l-isem.




Dokument ieħor fil-Kurja Arċiveskovili juri b'mod ċar li l-vara titulari ta' San Nikola hi tassew skultura li ħarġet minn idejn Pietru Felici li, f'ħames ħlasijiet separati bejn l-1736 u l-1737, tħallas b'kollox 95 skut. Il-pedestall, iżda, huwa xogħol ta' GioMaria Vassallo li għalih tħallas ftit iktar minn 66 skut filwaqt li l-iskultura tal-pedestall inħadmet minn Ġużeppi Fabri li tħallas 15-il skut. L-ordni għax-xogħol fuq l-istatwa saret minn Dun Nikol Zarb, dak iż-żmien prokuratur tal-knisja. Il-vara l-ġdida jidher li nġarret proċessjonalment għall-ewwel darba fl-1737 u ħadet post manikin imlibbes li għadu miżmum fis-sagristija tal-knisja parrokkjali tagħna.

Iż-żewġ xogħlijiet l-oħra ta' Pietru Felici huma l-vara tal-Madonna tar-Rużarju f'Ħaż-Żebbuġ li saret fl-1741 u l-vara titulari ta' San Ġorġ li tinħareġ proċessjonalment mat-toroq ta' Ħal Qormi kull sena fl-istess Ħadd li fih aħna s-Siġġiwin noħorġu l-istatwa tal-qaddis patrun tagħna San Nikola. Naħseb li l-aħħar Ħadd ta' kull Ġunju jista' bir-raġun kollu jissejjaħ *Jum Pietru Felici*, l-**ewwel artist Malti** li ħadem, f'art twelidu stess, l-ewwel żewġ statwi ta' qaddisin titulari għal żewġ knejjes parrokkjali Maltin: San Nikola u San Ġorġ.

## L-istatwa ta' San Nikola maż-żmien

Maż-żmien l-istatwa ta' San Nikola ġarrbet tibdil biex tidher isbaħ. Billi l-vara kienet ilha ma tiġi ndurata mill-1893, Dun Pawl Attard ra li, fl-1958, tittieħed għand id-Ditta Coleiro, fi Triq San Kristofru fil-Belt Valletta, sabiex tiġi indurata. Niftakar lil missieri jeħodni l-Belt biex nara x-xogħol ta' restawr u induratura. Għad baqagħli quddiem għajnejja lil San Nikola kollu abjad.









Jekk niflu sew il-vara fir-ritratt li jidher fil-paġna ta' qabel u nqabbluha mal-vara kif inhi llum, nindunaw li hemm xi tibdil: il-baklu f'id San Nikola tqassar u ma baqax twil kif jidher fir-ritratt; il-kmiem tneħħielhom il-ħafna tikmix li naraw fir-ritratt u saru iktar lixxi; żdiedet id-dalmatika bl-iskultura taħt il-pjaneta u b'hekk ma baqgħetx biss impittra kif jidher fir-ritratt; il-parti t'isfel tal-alba fir-ritratt tidher bil-bizzilla mpittra. Meta nduraw lil San Nikola bejn l-1958 u l-1959, din il-bizzilla tneħħiet u l-alba baqgħet kollha bajda. Din, iżda, ma ntgħoġbitx u ftit wara tqabbad l-artist Għawdxi Wistin Camilleri biex ipitter il-bizzilla mill-ġdid u hekk għadha tidher sal-lum. Il-vara ta' San Nikola ntlaqgħet mill-ġdid mis-Siġġiwin fl-14 ta' Ġunju 1959.



La qegħdin nitkellmu fuq xogħol ta' restawr, tajjeb infakkar li l-aħħar restawr fuq l-istatwa ta' San Nikola sar fl-1997 fi żmien l-Arċipriet Dun Richard Borg, illum Arċipriet tal-Furjana. Fil-11 ta' Settembru ta' dik is-sena l-istatwa ta' San Nikola ttieħdet ir-Rabat fejn sarilha r-restawr li kellha bżonn mill-induratur Horace Farrugia. Il-Ħadd 21 ta' Ġunju 1998 San Nikola nġab lura f'daru s-Siġġiewi, isbaħ minn qabel, u, naturalment, is-Siġġiwin tawh merħba kif tassew tixraq lil missier li kellu jħalli ftit lil uliedu u wara xi xhur reġa' ngħaqad magħhom.

## Xi kurżitajiet fuq il-vara ta' San Nikola

- San Nikola waħdu, mingħajr il-pedestall, jiżen 4 qnatar u 44 ratal (356 kilogramm). Mill-ponta tal-mitra sa saqajh huwa twil tmien piedi (2 metri u 44 ċentimetru). Id-dawra tal-qadd, naturalment bil-pjaneta b'kollox, fiha seba' piedi (2 metri u 13-il ċentimetru). Il-parti ta' fuq tal-pedestall, li għandha forma ta' skorfina, minn ġewwa għandha ċirkonferenza ta' sitt piedi u nofs (2 metri).

- Fis-sena 1779 inħadem baklu tal-fidda għall-prezz ta' 160 skut. Dan ġie rregalat lil San Nikola minn grupp ta' baħrin li kienu jeħduha kontra t-Torok. Ma nafux jekk dan sarx b'wegħda jew b'devozzjoni.
- L-erba' gastri tal-fidda nħadmu l-Italja. Il-vapur li kellu jwassal dawn il-gastri nqabad fi strajk f'port fl-Italja iżda ħarab u laħaq wasal fil-ħin biex jiżżanżnu għall-festa tal-1959.

- Fis-snin tal-bidu l-istatwa kienu jpoġġuha fil-Kamrun, wara San Pawl. Wara li nbnew in-navati fil-knisja, għall-istatwa saret niċċa apposta, fuq disinn ta' Sciortino, li nħadmet minn mastrudaxxa mis-Siġġiewi li kien joqgħod Ħaż-Żebbuġ.

*It-tagħrif dwar Pietru Felici u l-ħidma tiegħu huwa bbażat fuq informazzjoni li għadda l-Professur Mons. Vinċenz Borg lill-Qriema waqt akkademja mużiko-letterarja li kienet saret fil-knisja ta' San Ġorġ fit-22 ta' Ġunju 1981. Kull tagħrif ieħor ġabu l-awtur ta' dan l-artiklu mill-Arkivju Parrokkjali u mingħand ħuh John Bezzina.*

*Skut għandu valur ta' bejn tmintax u dsatax-il ċenteżmu ta' ewro.*